MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 434/2011

**Appell Nru. 434/2011**

**Il-Pulizija**

**(Spt. Jesmond J. Borg)**

**Vs**

**Bushra Triganza**

**Illum 27 ta' Novembru, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

f'dawn il-Gzejjer, nhar it-13 ta' Gunju 2009, kif ukoll f'dawn l-ahhar hames snin, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta:

1. kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Aktar talli saret recidiva b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LLD nhar il-11 ta' Jannar 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

3. Aktar talli ikkommettejt reat waqt li kont taht perjodu operativ ta' sentenza sospiza, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Ottubru 2011, li biha, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, l-artikoli 49, 50, 28A, 28B u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellanta hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha w ikkundannatha ghal sitt (6) xhur habs effettiv.

Ordnat ulterjorment, ai termini ta' l-artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' prigunerija ta' xahrejn habs sospizi ghal sentejn moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-18 ta' Gunju, 2003, kif mibdula f'piena ta' xahrejn prigunerija sospizi ghall-erba` (4) snin mill-11 ta' Jannar, 2006

permezz ta' sentenza ta' l-istess data fl-ismijiet premessi moghtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, tigi reza operattiva, u b'hekk il-hatja ghandha taghmel perjodu globali ta' tmin (8) xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanta minnha pprezentat fil-31 ta' Ottubru, 2011 li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tvarja u timmodifika s-sentenza appellata, b'dan li filwaqt li tikkonferma s-sejbien ta' htija tal-appellanta, tirriforma s-sentenza appellata in kwantu ghal piena imposta billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern skont il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanta huwa s-segwenti w cioe':-

Illi in vista anke tal-istess ammissjoni taghha li hija ghamlet fl-ewwel dehra quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) hija mhijiex qed tappella fuq il-mertu tal-kawza izda qed tappella mill-piena li giet imposta fuqha.

Illi l-appellanta b'lealta lejn din il-Qorti qeghda wkoll tiddikjara illi hija ben edotta mill-gurisprudenza nostrana fejn gie dikjarat illi huwa xi ftit jew wisq odjuz li jkun hemm appell fuq il-piena inflitta wara li jkun hemm ammissjoni, sakemm il-piena inflitta hija fil-parametri tal-ligi. Madankollu l-appellanta tissottometti illi analizi tac-cirkostanzi prezenti kemm tal-kaz in kwistjoni kif ukoll li ghandhom x'jaqsmu mal-appellanta jwasslu biex juru li hemm fattura importanti li jimmilitaw favur li l-appellanta tinghata piena anqas minn dik li effettivament inghatat u li piena karcerarja effettiva mhux necessarjament tkun fl-interess tal-gustizzja.

L-appellanta tikkontendi illi tenut kont ta' certi fatturi li ser jissemmew iktar il-quddiem, il-piena ma keliex tkun wahda ta' habs effettiv imma kienet tkun aktar idonea, piena li taghti cans iehor lill-appellanta li tirriforma.

Fil-kawza odjerna, kif gie indikat aktar il-fuq, l-appellanta giet ikkundannata ghall-perjodu ta' sitt xhur prigunerija filwaqt li rrendiet operattiva s-sentenza ta' xahrejn prigunerija sospiza li fiha kienet instabet hatja l-appellanta precedentament. Fid-decide taghha, l-Ewwel Qorti gharfet il-fatt illi l-appellanta kienet ghamlet ammissjoni bikrija kif ukoll il-fatt li l-fedina penali taghha mhijiex allarmanti. Barra minn hekk fid-decide l-Qorti ddikjarat li l-appellanta ghamlet tentattiv serju biex tohrog mill-vizzju mishud tad-droga tant li kienet qeghda ssegwi programm mal-agenzija Caritas. Madanakollu, fl-umli fehma tal-appellanta dawn il-fatturi kollha ma gewx moghtija l-piz dovut u ma gewx rispekjati fil-kalibrazzjoni tal-piena. L-appellanta segwiet il-programm kollu b'success u kienet suggett ezemplari waqt l-istess programm. Dan il-fatt jista` jigi kkonfermat mir-rapprezentant tal-Caritas stess u minn issa qieghed jigi mitlub li din il-Qorti tawtorizza li r-rapprezentant tal-Caritas jikkonferma dan il-fatt quddiem din l-istess Qorti.

L-appellanta tixtieq tigbed ukoll l-attenzjoni ghall-fatt li waqt l-ewwel seduta, dik tal-5 ta' April, 2011, meta saret l-ammissjoni, d-difiza u l-prosekuzzjoni kienu ta' l-istess fehma illi l-appellanta kienet iwriet serjament li biddlet hajjitha u li ma kienitx lesta li terga taqbad it-triq hazina, tant li l-ufficjal prosekutur ma talabx li l-appellanta tinghata piena ta' habs effettiv. Meta l-appellanta ammettiet l-akkuzi u kkoperat fi stadju bikri ghamlet hekk ukoll proprju ghax kien hemm qbil mal-prosekuzzjoni intiz biex tigi evitata piena karcerarja li anke l-prosekuzzjoni kienet thoss li aktar tista` taghmel deni milli gid.

L-appellanta a skans ta' ripetizzjoni taghmel riferenza ghac-cirkostanzi kollha specjali li ssemmew aktar il-fuq u li skont hi jimmeritaw piena aktar miti u tkompli zzid li dawn huma wkoll uhud mill-fatturi li ghandhom jigu kkunsidrati bhala cirkostanzi sabiex tinghata piena differenti minn dik ta' prigunerija b'effett immedjat anki a tenur tal-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellanta tissottometti illi Probation Officer li tipprepara pre-

sentencing report tkun ukoll strument importanti sabiex tixhet dawl fuq x'inhi l-ahjar piena ghall-appellanta tenut kont ic-cirkostanzi kollha in kwistjoni.

L-appellanta wara li lestiet b'success il-programm tal-Caritas, kienet kapaci ssib impjieg fiss u infatti qeghda tahdem gewwa ristorant fil-Belt Valletta. Fil-kaz li hija jkollha tiskonta sentenza ta' prigunerija hija zgur titlef dan l-impjieg u terga` tmur pass iehor lura stante li apparti li trid terga` tfittex impjieg iehor, sfortunatament l-esperjenza tghallem li mhux kulhadd jiehu gost jimpjega nies li ghamlu xi zmien gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Dan il-fatt zgur ma jirriflettix il-hsieb li prezentement qieghed jigi abbraccjat anke mill-istat, specjalment fid-dawl tal-White Paper dwar Gustizzja Riparatrici. Il-principji tal-Gustizzja Restorattiva jitolbu li persuna tinghata cans jekk ikun jidher bic-car li hu jew hi tkun lesta tibdel hajjitha.

L-appellanta kellha wkoll trobbija xejn felici u fil-fatt il-genituri taghha abbandunawha bhala tarbija gewwa istitut fi Tripli, l-Libja. Ta' xahrejn kienet mehuda minn familja ohra li minn ghandhom kienet issoffri swat kbir tant li kienet tippreferi tmur torqod f'cella l-habs milli tmur id-dar. Din is-sitwazzjoni baqghet sejra sakemm l-appellanta kibret bizzejjed u setghet titlaq mid-dar.

L-appellanta prezentament tghid fid-dar flimkien mar-ragel u t-tifla minuri taghhom li ghandha tnax il-sena, liema minuri kienet – ghaz-zmien meta l-appellanta kienet qeghda ssegwi l-programm tal-Caritas – tghix man-nanniet paterni taghha u issa li regghet inghaqdet m'ommha sejra jkollha terga tigi mifruda minn ommha jekk il-piena ta' prigunerija tigi kkonfermata minn din il-Qorti.

Issir ukoll riferenza ghall-diversi kawzi decizi mill-Qrati Maltin fejn persuni misjuba hatja inghataw cans biex jirriformaw ruhhom anki meta f'dawn is-sentenzi kienu misjuba hatja ta' reati hafna iktar gravi minn dak li nstabet hatja l-appellanta fil-kaz odjern fosthom :

a) Pulizija vs Dennis Portelli et. deciza mill-Qorti tal-Appell 26/11/09, fejn ghalkemm l-Avukat Generali kien appella minn sentenza sospiza li nghatat fil-konfront tal-akkuzat minhabba l-fedina penali tieghu, l-Qorti xorta kienet tal-opinjoni li tenut kont tal-ammissjoni u ko-operazzjoni tal-akkuzat u ghalkemm kellu fedina penali pjuttost twila l-hati xorta ma kienx "beyond redemption";
b) Pulizija vs Duranovic Coreschi deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14/09/10, fejn l-akkuzat kien misjub hati ta' pussess ta' droga eroina bhalma hu l-kaz odjern u li kien anki kkommetta reat waqt li kien taht ordni moghti lilu mill-Qorti. Sakemm kien gie kkundannat il-hati kien beda jahdem u xtara karozza u kien rabba l-ghaqal. Il-Qorti tal-Appell waslet ghall-konkluzjoni li anke fl-interess suprem tas-socjeta l-appellant kellu jinghata l-ahhar opportunita` sabiex jehles darba ghal dejjem mill-vizzju tad-droga u rriformat is-sentenza ta' l-Ewwel ~Qorti billi qeghdet lill-appellant taht ordni ta' probation filwaqt li ghar-reati li dwarhom kienet inghatat sentenza precedenti, bis-sahha tal-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta infliggiet il-piena ta' multa;
c) Pulizija vs George Farrugia deciza fil-Qorti tal-Appell nhar it-18/01/01 fejn il-prosekuzzjoni u l-Ewwel Qorti kienu tal-fehma illi l-hati zgur li ma kellux cans li jibdel hajtu u li s-sitwazzjoni li kien jinsab fiha kienet wahda irriversibbli. Il-Qorti tal-Appell ghalkemm qablet li l-fedina penali tal-hati kienet wahda twila (42 pagna u 77 sejba ta' htija) xorta kien hemm cans ta' riabilitazzjoni u li kienet il-mewt biss li twaqqaf dan ic-cans. Il-Qorti kienet anki ddikjarat li l-probation ma kelliex tapplika biss ghal "first offenders" u la kien hemm "prospect of success" wiehed ghandu jinghata dejjem l-ahhar cans.
d) Pulizija vs Grezzju sive Horace Cassar deciza mill-Qorti tal-Magistrati fis-7/08/02, fejn f'dan il-kaz l-akkuza kienet anke wahda ta' serq u ferita fuq il-persuna. Ghalkemm kien hemm involuti vittmi tar-reat, il-Qorti xorta kienet tal-fehma li jekk jerga` jintefa l-habs dan jerga jmur lura fit-triq li kien fiha qabel ma kien ghamel il-programm tal-Caritas. F'dan il-kaz kien xehed ukoll l-assistent direttur tal-Caritas li kien tal-fehma li l-akkuzat ma jintbaghatx il-habs. Fl-istess sentenza l-Qorti kienet tal-fehma li l-piena ma ghandiex tkun biss bhala deterrent u/jew retribuzzjoni sabiex wiehed ihallas ghal dak li jkun ikkaguna imma ghandha tkun riparatorja u restorattiva fis-sens li safejn ikun possibbli ghandu jsir tentattiv sabiex wiehed ikompli jsegwi t-triq it-tajba li jkun qabad tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u cioe` l-progress kbir ta' riforma li ghamel l-imputat. Il-Qorti tkompli tghid li wiehed

ghandu jinghata "window of opportunity". Fl-istess sentenza l-Qorti taghmel riferenzi ghal diversi sentenzi ohra li jirrigwardaw l-istess opportunitajiet;

e) Pulizija vs John Farrugia decia mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25/04/06, fejn f'dan il-kaz piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Qorti giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita` a tenur tal-artikolu 11 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) Pulizija vs Charlot Aquilina deciza mill-Qorti tal-Magistrati fis-7/11/08 fejn il-Qorti sahqet fuq il-bzonn illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha la darba turi bic-car li hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz ir-reati kienu ta' natura serja u l-akkuzat kien recediv pero` l-Qorti xorta taghtu cans iehor billi giet imposta Ordni ta' Probation;

g) Pulizija vs Rittmar Hatherly et. deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9/10/08, fejn il-Qorti filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra, ddikjarat li ghalkemm huwa veru li Qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji li ghandha a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mil-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista jew li m'ghandhiex fil-kazijsiet li jikkwalifikaw terga tinghata probation, conditional discharge jew xi mizura ohra taht il-Kap. 446.

Fid-dawl ta' dak li inghad iktar il-fuq u anki fid-dawl tas-sentenzi citati l-appellanta tikkontendi illi ghar-rigward ta' kalibrazzjoni ta' piena, wiehed m'ghadnux jikkonsidra biss l-aspett ta' retribuzzjoni jew deterrent li ghandu jkun rifless f'sentenza imma ghandu wkoll iqis l-impatt ta' tali piena fuq il-persuna misjuba hatja. Fil-kaz odjern ma kienx hemm vittmi involuti hlief il-persuna misjuba hatja stess, zewgha u bintha li gew mifruda minnha. Fil-kaz odjern il-hsara lejn is-socjeta` kienet minima u l-appellanta qed turi bic-car li ma tridx terga lura lejn il-hajja ta' qabel. Dan urietu bic-car billi segwit il-programm tal-Caritas b'success u anki billi sabet impjieg fiss. Wiehed irid jikkonsidra l-fatt ukoll li hawn si tratta ta' reati li sehhew aktar minn sentejn ilu.

Fl-ahhar lok, anki l-istess Qorti fis-sentenza taghha iddikjarat li l-appellanta m'ghandiex fedina penali allarmanti u/jew li turi li hi tirraprezenta xi periklu ghas-socjeta`. Fejn l-appellanta ma taqbilx ma' l-Ewwel Qorti huwa l-fatt li hi giet meqjusa bhala persuna "beyond redemption" ghax il-Qorti ddikjarat li "l-imputata kienet tpoggiet darbtejn taht ordni ta' probation u din baqghet ma tghallmet xejn tant li baqghet tabbuza mid-droga". L-appellanti tikkontendi li llum hi taf li zbaljat imma konvinta u determinata li jekk tinghata dan ic-cans, hi ser tiehu din l-opportunita` sabiex tirrintegra lura fis-socjeta` u titbieghed mill-vizzji, konxja wkoll mill-fatt li jekk terga tizbalja l-prigunerija effettiva hija l-unika piena li tista` tinghata. Fl-istess hin l-appellanta thoss li b'riforma fis-sentenza ta' prigunerija effettiva, anki s-socjeta` tibbenefika ghaliex, kif umilment temmen l-appellanta, zmien maghmul il-habs ma jfissirx necessarjament li dak li jkun mhux ser jerga jwettaq zball iehor. Hafna drabi jkun il-kaz li persuna tohrog minn post ta' detenzjoni aghar minn kif tkun dahlet.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-pulizija arrestaw lill-appellanta fit-tlettax (13) ta' Gunju tal-elfejn u disgha (2009) meta kienet go latrina pubblika fl-Imsida. Il-pulizija ghamlu tfittxija u nstabet labbra bid-droga fil-basket taghha. L-appellanta tressqet il-Qorti fil-hamsa (5) ta' April tal-elfejn u hdax (2011) u dakinhar stess irregistrat ammissjoni.

B'sentenza moghtija fid-dsatax (19) ta' Ottubru tal-elfejn u hdax (2011) il-Qorti tal-Magistrati ikkundannat lill-appellanta ghal sitt xhur prigunerija ghal dawn l-akkuzi kif ukoll ordnat li jigi rez effettiv il-piena ta' prigunerija ta' xahrejn habs sospizi ghal sentejn moghtija mill-Qorti tal-Magistrati b'decizjoni tat-tmintax (18) ta' Gunju tal-elfejn u tlettax (2013) kif mibdula f'piena ta' xahrejn prigunerija sospizi ghal erba' snin b'sentenza tal-hdax (11) ta' Jannar tal-elfejn u sitta (2006), b'kollox tmien xhur prigunerija.

L-appellanta hassitha aggravata minn din is-sentenza u minnha interponiet appell peress illi deherilha illi l-piena applikata kienet eccessiva fil-konfront taghha.

Ikkunsidrat:

L-appellanta ghamlitha cara illi mhiex qieghda tappella mid-dikjarazzjoni ta' htija. Però deherilha illi fil-kaz taghha kienu jezistu cirkostanzi specjali fejn il-Qorti tista' ma taghtix piena karcerarja effettiva peress illi din kienet se tkun aktar ta' hsara milli gid u zgur li ma kinitx se sservi bhala piena retributorja ghal reat illi wettqet.

Ikkunsidrat:

Kif jidher fil-korp tas-sentenza anke fil-mori tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati l-appellanta kienet qed turi certa dispozizzjoni u progress sabiex tehles mill-vizzju tad-droga hija kellha. Din il-Qorti tat opportunità ohra lill-appellanta sabiex tkompli turi dan il-progress kif jidher mill-verbali ta' sentejn bejn is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru tal-elfejn u tnax (2012) u t-tletin (30) ta' Ottubru tal-elfejn u erbatax (2014) fejn ghal aktar minn darba dehret Jean Cali ghan-nom tal-Caritas fejn infurmat lill-Qorti illi l-appellanta kienet qed taghmel progress notevoli, iggradwat minn programmi li kienet qed taghmel tal-Caritas u l-kampjuni li kienet taghti ghall-ezami kienu kollha negattivi ghal sustanzi illeciti.

Fir-rikors tal-appell taghha l-appellanta ghamlet riferenza ghal diversi sentenzi moghtija minn dawn il-qrati fejn persuni bi precedenti nghataw opportunitajiet sabiex jirriformaw ruhhom aktar u aktar meta dawn il-persuni urew dispozizzjoni favur riabilitazzjoni u aktar integrazzjoni lejn is-socjetà li jaghmlu parti minnha. F'dan il-kaz, mehud in konsiderazzjoni l-attitudni, il-progress u d-dispozizzjoni tal-appellanta, il-Qorti mhiex aversa ghal din it-talba illi ghamlet l-appellanta u hi ukoll tal-fehma illi llum f'dan l-istadju tal-appell piena karcerarja effettiva mhiex idonea. Dana forsi ma kienx il-kaz meta l-Qorti tal-Magistrati tat is-sentenza taghha f'Ottubru tal-elfejn u hdax (2011). Izda llum ic-cirkostanzi huma differenti peress illi kif inghad, l-appellanta kompliet turi dak il-progress u dispozizzjoni pozittiv illi kienet bdiet turi fil-mori ta' din il-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Kif

qalet il-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija kontra Ritmar Hatterley et" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-disgha (9) ta' Ottubru tal-elfejn u tmienja (2008) u ikkwotata mill-istess appellanta fir-rikors tal-appell taghha "anke fil-kaz ta' persuna ta' età mhux zghira u li forsi hu recediv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna 'a window of opportunity' li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija ...". Din il-Qorti hi sodisfatta illi f'dan iz-zmien tfacca dan il-'window of opportunity' ghal-appellanta li mhux ta' min jinzamm maghluq u jkun gust li tibbenefika minn dik l-arja pozittiva tal-isforzi li ghamlet li wasslu lill-probation officer Arianna Camilleri tiddikjara "... kollox dak li hadmet ghalih qed jaqa' f'postu." (fol 28).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata ghal dak illi jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' htija u tvarja l-piena inflitta fejn flok sitt xhur habs effettiv, tillibera lill-appellanta taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum. U ghal dak li jirrigwarda l-kommissjoni ta' reat waqt perjodu operativ ta' sentenza, flok xahrejn prigunerija, b'applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 peress illi jezistu cirkostanzi specjali li jimmilitaw favur l-appellanta illi ma tigix kundannata ghal habs effettiv ghar-ragunijiet moghtija fl-istess sentenza, tikkundanna minflok lill-appellanta ghal multa ta' hames mitt ewro (€500).

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------